**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-Estonja tqis li s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropea [li issa saret il-Qorti Ġenerali wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Jannar 2010 ] (iktar 'il quddiem: "il-Qorti Ġenerali") għandha tiġi annullata għar-raġunijiet li ġejjin:

(1) Il-Qorti Ġenerali, billi ddeċidiet li r-rikors għal annullament huwa ammissibbli għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 1(3) u (4), l-Artikolu 2(3) u (4), u l-Artikolu 3(2) u (3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2007 (dwar il-pjan nazzjonali ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, innotifikat mir-Repubblika tal-Estonja skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE ([1])) kisret l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikolu 44(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Il-Qorti Ġenerali ammettiet, b'mod żbaljat, l-ammissibbiltà tar-rikors kontra s-sentenza fit-totalità tagħha, anki meta r-rikorrenti indikat il-bażi għal annullament biss għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 1(1) u (2), l-Artikolu 2(1) u (2), u l-Artikolu 3(1).

(2) Il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 9(1) u (3) tad-direttiva billi, essenzjalment, fid-determinazzjoni tagħha tal-portata u tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni u tal-eżerċizzju ta' din is-setgħa skont l-Artikolu 9(3) tad-direttiva interpretat b'mod żbaljata kemm il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali kif ukoll l-għan tad-direttiva. Il-pjanijiet ta' allokazzjoni mhumiex miżuri ta' traspożizzjoni klassiċi ta' direttiva, li jistgħu jiġu evalwati *a posteriori*. L-aċċettazzjoni tal-użu, minn kull Stat Membru, tad-data tiegħu stess li mhijiex ikkontrollata, toħloq riskju ta' nuqqas ta' trattament ugwali tal-Istati Membri. L-għanijiet tad-direttiva jistgħu jintlaħqu biss jekk id-domanda ta' kwoti taqbeż l-offerta. Għandu jkun hemm distinzjoni bejn il-limitu massimu tal-kwantità ġenerali ta' kwoti separabbli u l-kwantità ġenerali tal-kwoti separabbli.

(3) Il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-portata tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Peress li t-tfassil ta' pjan ta' allokazzjoni kien responsabbiltà tal-Istati Membri, il-Kummissjoni ma kellhiex kompetenza biex timla' l-lakuni tiegħu, iżda setgħet biss tevalwa l-konformità tal-pjan ta' allokazzjoni meta mqabbel mad-direttiva.

(4) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball fir-rigward tal-klassifikazzjoni ġuridika tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn iddikjarat li d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-deċiżjoni kkontestata ma jistgħux jiġu sseparati mill-Artikolu 1(1) u (2), mill-Artikolu 2(1) u (2), u mill-Artikolu 3(1) u, konsegwentement, annullat id-deċiżjoni fit-totalità tagħha. Fir-realtà, ma hemmx tali karattru li jista' jiġi sseparat peress li mill-istruttura u l-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jirriżulta b'mod ċar li kull paragrafu tal-Artikolu 2 għandu rabta inseparabbli mal-paragrafu korrispondenti tal-Artikolu 1, iżda li ma hemmx rabta inseparabbli mal-paragrafi l-oħra tal-Artikolu 2. L-istess jgħodd għall-paragrafi tal-Artikolu 1.

([1]) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 07, p. 631)

**Appell ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2009 mir-Repubblika Portugiża mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (Is-Seba' Awla) mogħtija fit-23 ta' Settembru 2009 fil-Kawża T-385/05, Transnáutica — Transportes e Navegação SA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-506/09 P)**

(2010/C 63/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Fernandes, C. Guerra Santos, J. Gomes, P. Rocha, aġenti)

*Appellata:* Transnáutica — Transportes e Navegação, SA, Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tilqa' t-talba tal-awtoritajiet Portuġiżi intiża sabiex il-ġudizzju ta' din il-kawża jiġi sospiż sakemm il-Qorti Ġenerali tagħti s-sentenza tagħha, sa fejn fi proċeduri ta' partijiet terzi huwa neċessarju li jiġu ttratati mhux biss il-liġi iżda wkoll il-fatti tal-kawża;

— tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej mogħtiha fit-23 ta' Settembru fil-Kawża T-385/05 Transnáutica — Transportes e Navegação SA vs Il-Kummissjoni li biha din il-qorti annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni REM 05/2004 tas-6 ta' Lulju 2005 li tirrifjuta t-talba ta' Transnáutica għall-ħlas lura u r-remissjoni ta' ċerti dażji.

— tikkundanna lil Transnáutica għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta kkonkludiet li l-awtoritajiet doganali Portuġiżi wettqu żball fl-istabbiliment u l-kontroll tal-garanzija globali użata fl-operazzjonijiet tranżitu inkwistjoni.

L-appellanti ssostni wkoll li huwa impossibbli li tiġi stabilita rabta kawżali bejn l-iżbalji allegatament imwettqa mill-awtoritajiet Portugiżi u t-tneħħija sussegwenti tal-oġġetti mis-sorveljanza doganali u tqis li, billi kkonkludiet mod ieħor, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret id-dritt tal-Unjoni Ewropea.

## Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

**(Kawża C-515/09)**

(2010/C 63/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Marghelis u K. Saaremäel-Stoilov)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Estonja

### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha sabiex tittrasponi d-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ([1]), ir-Repubblika tal-Estonaja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-imsemmija direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu sabiex id-direttiva tiġi trasposta fis-sistema legali nazzjonali skada fl-1 ta' Mejju 2008.

([1]) ĠU L 102, p. 15

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-11 ta' Diċembru 2009 — Tanja Borger vs Tiroler Gebietskrankenkasse

**(Kawża C-516/09)**

(2010/C 63/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Tanja Borger

*Konvenut:* Tiroler Gebietskrankenkasse

### Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 1(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jkopri wkoll — għal perijodu ta' sitt xhur — persuna li, wara l-perijodu statutorju ta' sentejn sospensjoni tar-relazzjoni tagħha ta' xogħol wara t-twelid ta' wild, tiftiehem għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur ta' leave mhux imħallas mal-persuna li tħaddimha sabiex tieħu l-benefiċċji għat-tfal dipendenti jew benefiċċju ta' kumpens korrispondenti għall-perijodu statutorju massimu, u mbagħad twaqqaf ir-relazzjoni ta' xogħol?

(2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv:

L-Artikolu 1(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jkopri wkoll — għal perijodu ta' sitt xhur — persuna li, wara t-tmiem tal-perijodu statutorju ta' sentejn sospensjoni tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha, tiftiehem għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur ta' leave mhux imħallas mal-persuna li tħaddimha, jekk matul dak il-perijodu hija tirċievi benefiċċji għat-tfal dipendenti jew benefiċċju ta' kumpens korripsondenti?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tartu Ringkonnakohus (ir-Repubblika tal-Estonja) fil-15 ta' Diċembru 2009 — AS Rakvere Piim, AS Maag Piimatööstus vs Veterinaar- ja Toiduamet

**(Kawża C-523/09)**

(2010/C 63/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

### Qorti tar-rinviju

Tartu Ringkonnakohus

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* AS Rakvere Piim, AS Maag Piimatööstus

*Konvenuta:* Veterinaar- ja Toiduamet